# AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2008/481/PESK

## tat-23 ta’ Ġunju 2008

## li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/131/PESK li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta’ l-Unjoni Ewropea għall-Afganistan

IL-KUNSILL TA’ L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikoli 14, 18(5) u 23(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-18 ta’ Frar 2008 il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2007/131/PESK ([1]) li testendi l-mandat tas-Sur Francesc Vendrell bħala r-Rappreżentant Speċjali ta’ l-Unjoni Ewropea għall-Afganistan sal-31 ta’ Mejju 2008, u fis-26 ta’ Mejju 2008 adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/391/PESK ([2]) li testendi l-mandat tiegħu sat-30 ta’ Ġunju 2008.

(2) Is-Sur Francesc Vendrell informa lis-Segretarju-Ġenerali/Rappreżentant Għoli (SĠ/RGħ) li huwa disponibbli sabiex iservi bħala r-Rappreżentant Speċjali ta’ l-Unjoni Ewropea (RSUE) sal-31 ta’ Awwissu 2008. Il-mandat tiegħu għandu jiġi estiż ulterjorment sa dik id-data. Il-Kunsill għandu l-ħsieb li jaħtar RSUE ġdid għall-perijodu li jkun jifdal tal-mandat sat-28 ta’ Frar 2009.

(3) L-Artikolu 5(1) ta’ l-Azzjoni Konġunta 2008/131/PESK, kif emendata mill-Azzjoni Konġunta 2008/391/PESK, ipprovda ammont finanzjarju ta’ referenza ta’ EUR 975 000 sabiex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE sat-30 ta’ Ġunju 2008. Dan l-ammont finanzjarju ta’ referenza għandu jiżdied b’EUR 678 000 sabiex ikopri n-nefqa relatata mal-bqija tal-perijodu tal-mandat tar-RSUE,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

*Artikolu 1*

**Emenda**

L-Azzjoni Konġunta 2008/131/PESK hija b’dan emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

“*Artikolu 1*

**Rappreżentant Speċjali ta’ l-Unjoni Ewropea**

Il-mandat tas-Sur Francesc Vendrell bħala r-Rappreżentant Speċjali ta’ l-Unjoni Ewropea (RSUE) għall-Afganistan huwa b’dan estiż sal-31 ta’ Awwissu 2008.”;

(2) L-Artikolu 5(1) għandu jinbidel b’dan li ġej:

“(1) L-ammont finanzjarju ta’ referenza maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE fil-perijodu mill-1 ta’ Marzu 2008 sal-31 ta’ Awwissu 2008 għandu jkun ta’ EUR1 653 000.”

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta’ l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

**Pubblikazzjoni**

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunità Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, 23 ta’ Ġunju 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

I. JARC

([1]) ĠU L 43, 19.2.2008, p. 26.
([2]) ĠU L 137, 27.5.2008, p. 52.